MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1345/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Francesco Saverio Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francesco Saverio Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 0033031(M).

Akkuzat talli fil-fond numru 11 sitwat fi Triq Santa Marija, Santa Venera u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar id-9 ta' Settembru, 2011:

1. volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe` kannizzata tal-plastik ghad-dannu ta' Gillian Renaud, liema hsara ma

teccedix elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma tkun izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha u dan ai termini tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-giegh ta' xi hadd, weggha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor u dan ai terminu tal-artikoli 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Gillian Renaud u torbot l-imputat Francesco Saverio Camilleri b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-Artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 325(b), 338(dd), 338(bb), 342 u 252(1) tal-Kodici Kriminali.

Fuq nuqqas ta' provi qed tillibera lill-imputat Francesco Saverio Camilleri mill-akkuzi kif dedotti kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------